41995D0020

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV
tal-20 ta' Diċembru 1995
dwar il-proċedura li tapplika l-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen

(SCH/Com-ex (95)20 rev. 2)

IL-KUMITAT EŻEKUTTIV,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 132 tal-Konvenzjoni li jimplimenta l-Ftehim ta' Schengen.

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni hawn fuq imsemmija.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Dokument SCH/I (95)40 rev. 6 dwar il-proċedura li tapplika għall-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni huwa hawnhekk approvat. Il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti fih għandhom ikunu rispettati minn kull Parti Kontraenti li tixtieq tinvoka klawsola fid-deroga provduta fl-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni u terġa' ddaħħal kontrolli temporanji fil-fruntieri nterni.

Ostend, it-20 ta' Diċembru 1995.

Il-President

Johan VANDE LANOTTE

SCH/I (95) 40 rev. 6

PROĊEDURA GĦALL-APPLIKAZZJONI TA' L-ARTIKOLU 2(2) TAL-KONVENZJONI

"Artikolu 2

1. Fruntieri interni jistgħu jinqasmu f'kull ħin mingħajr ma jsiru l-ebda kontrolli fuq il-persuni.

2. Madankollu, fejn il-politika pubblika jew sigurtà nazzjonali tirrikjedi, Parti Kontraenti tista', wara li tikkonsulta l-Partijiet Kontraenti l-oħra, tiddeċiedi li għall-perjodu limitat, kontrolli malfruntieri nazzjonali xierqa skond is-sitwazzjoni ssir fil-fruntieri interni. Jekk il-politika pubblika jew is-sigurtà nazzjonali tirrikjedi azzjoni immedjata, il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tieħu l-miżuri meħtieġa u mill-ewwel opportunità tinforma l-Partijiet Kontraenti l-oħra b'dan."

L-għan komplessiv tal-miżuri msemmija fil-Konvenzjoni ta' Schengen huwa li jkun evita li jkun invokat l-Artikolu 2(2). Id-dħul mill-ġdid ta' kontrolli għandu jibqa' miżura ta' eċċezzjoni.

1. **Proċedura għal konsultazzjoni minn qabel (L-Artikolu 2(2) l-ewwel sentenza)**

Stat li jaħseb biex jerġa' jdaħħal il-kontrolli fil-fruntieri interni tiegħu fi żmien qasir għandu jibgħat notifika lill-Istati l-oħra, flimkien mal-informazzjoni li ġejja:

(a) *raġunijiet tal-miżuri maħsuba:* l-Istat in kwistjoni għandu jispeċifika liema każi jikkostitwixxu thedidda għall-ordni pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali tiegħu,

(b) *il-grad tal-miżuri maħsuba:* l-Istat in kwistjoni għandu jispeċifika jekk il-kontrolli ser jerġgħu jiddaħħlu matul il-fruntieri kollha jew f'ċerti żoni biss;

(ċ) *tul ta' żmien tal-miżuri maħsuba:* l-Istat għandu jispeċifika d-data minn meta l-miżuri jibdew japplikaw (wara konsultazzjoni) u x'se jkun it-tul ta' żmien probabbli;

(d) *talba għal konsultazzjoni:* l-Istat għandu jispeċifika liema miżuri jistenna li l-Istati l-oħra, individwalment jew kollettivament, li jaddottaw sabiex ikun evitat dħul ta' kontrolli jew, la darba jiddaħħlu l-kontrolli, sabiex jissupplimentaw il-miżuri meħuda mill-Istat li minnu tkun qed issir it-talba.

Notifika tad-deċiżjoni għandha tintbagħat lill-: membri tal-Kumitat Eżekuttiv u lill-Grupp Ċentrali, u lis-Segretarjat Ġenerali.

Skond l-Artikolu 131(2) il-Presidenza għandha ssejjaħ laqgħa malajr kemm jista' jkun tal-Kumitat Eżekuttiv, possibilment preċeduta minn laqgħa tal-Grupp Ċentrali, f'sessjoni plenarja u ristretta, biex tmexxi konsultazzjonijiet bejn l-Istati. L-ebda laqgħa straordinarja m'għandha tissejjaħ jekk il-Kumitat Eżekuttiv huwa diġà maħsub li jsir fil-futur qarib. F'dan il-każ, għandu jiżdied punt ma' l-aġenda skond il-każ.

Jekk id-deċiżjoni sabiex jerġgħu jiddaħħlu l-kontrolli fil-fruntieri tkompli tapplika wara l-fażi ta' konsultazzjoni, l-Istat li qed jagħmel it-talba għandu jinforma lil dawk imsemmija aktar 'il fuq li qed jirċievu, bid-data u l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri in konnessjoni ma' l-Artikolu 2(2).

Taħt ftehim dwar koperazzjoni trans-konfini mill-pulizija, l-awtoritajiet tal-fruntiera tal-Istat li qed jagħmel it-talba għandu jinforma wkoll lill-awtoritajiet tal-fruntieri tal-Istati kkonċernati sabiex jitħaffu kwalunkwe reazzjonijiet fil-qasam ikkonċernat.

2. **Proċedura għal deċiżjoni mmedjata (L-Artikolu 2(2) tieni sentenza)**

Stat li jħoss il-ħtieġa li jerġa' jdaħħal kontrolli immedjati sabiex tinżamm l-ordni pubblika jew sigurtà nazzjonali għandu jibgħat notifika elenkata lill-Istati l-oħra bl-elementi taħt punt 1, i.e. bażi, estensjoni u dewmien probabbli tal-miżura.

Il-kriterja l-oħrajn imsemmija f'punt 1 għandhom japplikaw ukoll (dawk li qed jirċievu n-notifika, taħdidiet bilaterali, eċċ.).

L-Istat għandu jispeċifika jekk jitlobx assistenza u koperazzjoni mingħand l-Istati l-oħra.

Meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi, għandha tissejjaħ laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv mill-aktar fis possibli wara notifika tad-deċiżjoni.

3. **Proċedura għal estensjoni jew għal ritorn għan-normal**

L-Istat li jkun applika għall-proċedura taħt l-Artikolu 2(2) għandu jikkonferma d-data li fiha l-kontrolli se jkunu sospiżi u, jew fl-istess waqt jew ftit wara, għandu jissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni.

Madankollu, jekk l-Istat iħoss il-ħtieġa li t-tul taż-żmien tal-validità tad-deċiżjoni inizjali għandha tkun estiża, għandu jinnotifika d-deċiżjonijiet tiegħu għal dan l-effett mnaqqsa skond punt 1 jew 2.